MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 681/2007

**Doris Borg ID number 030015 5(M),**
**mart Victor Borg ID number 187554(M)**

**vs**

**1. Mario Silvio ID number 691649(M) u Mary Helen ID number 745254(M), konjugi**
**2. Victor Borg, ir-ragel tar-rikorrenti / attrici ID number 187554(M):**
**3. Id-Direttur tal-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta**
**4. L-Arkitett u Inginier Civili David P. Pace:**
**5. In-Nutar Pubbliku Malti Dr Marco Buttigieg LL.D.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici fil-25 ta' Gunju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi r-Rikorrenti / Attrici BORG DORIS ii ghandha n-numru tal-Karta tal-identita' 0300155(M) hija mara mizzewga u mhux legalment mifruda mar-ragel taghha li jismu VICTOR BORG li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 187554(M) u li t-tnejn li huma jirrisjedu flimkien u joqghodu fl-istess Appartament f'Ta' Xbiex u cioe' Appartament numru 7, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk B4, TA' XBIEX, limiti tal-Gzira.

Illi huwa legalment ovvju u partikolarment b'effett mill-1 ta' Dicembru tas-sena 1993, illi sa fejn ghandhom x'jaqsmu proprjetajiet sia immobbli kif ukoll mobbil u mobilja li jappartjenu lill-Istituzzjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn Mizzewgin li ghadhom Legalment Marbutin flimkien bhala Mizzewgin u li ma humiex legaiment Mifrudin iridu l-kunsens, il-permess u l-awtorizzazzjoni ta' xulxin biex ikunu jistghu jidhlu f'Atti Pubblici sia dawk li jivvantagjawhom u sia dawk li jizvantaggjawhom u li fin-nuqqas ta' dan huwa legalment elementari li jekk dan ma jsirx, tali Atti Pubblici li jsiru u sakemm ma jigux sanati legalment bil-kunsens ta' naha jew l-ohra minn mizzewgin konjugi, allura l-konkluzjoni hija wahda kategorikament legalment cara u cioe' li dawk l-Atti Pubblici jkunu legalment nulli u nvalidi, ineffettivi u mhux enforzabbli skond la l-ligijiet ta' Malta u lanqas ebda ligi ta' ebda pajjiz iehor 'il ghaliex kif huwa sottomess fl-ambitu legali dak li hu null ab initio huwa null ghall-Atti kollha li jkunu sussegwenti, konsegwenzjali, incidentali u / jew ancillari ghal dak l-Att Pubbliku partikolari.

Illi r-Rikorrenti / Attrici Borg Doris dan l-ahhar saret ufficjalment taf li zewgha ossija l-intimat / konvenut Borg Victor ii ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 187554(M) u li jirrisjedi maghha fl-istess Appartament gewwa Ta' Xbiex, kien involut fi Proceduri Legali fl-Atti tas-Subbasta numru: 155/2006 fl-ismijiet: "Mario Silvio et. vs Victor Borg" u fejn din l-Onorabbli Qorti a bazi ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti stess nhar is-27 ta' April, 2007, fuq Rikors ta' Silvio Mario et kienet iffissat il-jum ta' nhar

it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2007 mid-disgha ta' filghodu sa nofsinhar ghal BEJGH BL-IRKANT li kien gie ordnat b'Digriet tal-10 ta' Novembru, tas-sena 2006, liema BEJGH BL-IRKANT ghandu jsir fl-Ewwel Sular tal-Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

Illi l-fond ii kellu jinbiegh bl-irkant huwa n-nofs indiviz tal-blokk ta' bini li jikkonsisti f'hames (5) flats, fi Triq St. Vincent, Sliema, liema blokk huwa mibni fuq sit qabel okkupat mill-fond ufficjalment markat bin-numru sebgha u hamsin (57), gia markat bin-numru tlieta u hamsin (53) u llum 'Dorvic Flats', bhala soggetta ghar-rata tieghu ta' cens annwu u temporanju bi drittijiet u pertinenzi kollha taghhom.

Illi din il-proprjeta' hi stmata li tiswa tnejn u sittin elf lira Maltin (Lm62,000) u l-parti tal-fond li taghmel l-oggett ta' din is-Subbasta huwa stmat li jiswa wiehed u tletin elf lira Maltin (Lm31,000), ossija nofs l-ammont ta' tnejn u sittin elf lira Maltin (Lm62,000) u dan l-imsemmi fond ghandu jinbiegh bhal ma gie deskritt mill-Arkitett u Inginier Civili David P. Pace fir-Relazzjoni tieghu mahlufa nhar it-18 ta' April, 2007. Dan dejjem skond l-Avviz mahrug mir-Registru tal-Qrati Superjuri tar-Repubblika ta' Malta nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2007. Premess illi l-imsemmi nofs indiviz tal-fond huwa proprjeta' tal-intimat / konvenut Victor Borg li ghandu n-numru tal-Karta tal-identita' 187554(M).

Illi huwa evidentament ovvju ii kien hemm tentattiv li tigi mqarrqa l- amministrazzjoni tal-gustizzja peress illi minn imkien ma jirrizulta li gie ndikat li Victor Borg li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 187554(M) kien ragel mizzewweg u ghadu legalment mizzewweg mar-Rikorrenti / Attrici Borg Doris li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita' 0300155(M) u li allura ma setax isir dan il-BEJGH BL-IRKANT ghar-ragunijiet moghtija fl-Atti tas-Subbasta numru: 155/2006 fl-ismijiet: "Mario Silvio et vs Victor Borg" u dan ghaliex l-argument illi Victor Borg ghandu legalment in-nofs indiviz tal-fond indikat ma jaghti ebda dritt lil hadd li jsiru Proceduri Legali u Atti Pubblici bejn koppja mizzewga u li intimament tkun qeghda tigi mimsusa l-Kommunjoni

tal-Akkwisti bejniethom sakemm ma jkunx hemm jew Firda Legali bejn il-konjugi involuti inkella jkun hemm debitament awtorizzazzjoni minn Qorti Kompetenti li la raguni legali wahda u lanqas l-ohra ma kienet prezenti f'dawn l-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 u ghaldaqstant ir-Rikorrenti / Attrici qeghda taghmel din il-kawza u qeghda zzomm f'responsabilita' assoluta lil kull min kien involut biex saru dawn l-illegalitajiet, dan l-abbuz irregolari, dawn il-Proceduri li huwa ovvjament li huma legalment nulli u nvalidi, ineffettivi u mhux enforzabbli u li xorta wahda thallew illi jsiru bi pregudizzju kbir ghar-Rikorrenti / Attrici li qeghda zzomm ukoll responsabbli ghal kwalsiasi forma ta' danni li sofriet, qed issofri u ghad tista' ssofri jekk ma tigix irrimedjata din il-pendenza abbuziva li hija proprju saret taf biha bl-id hanina tad-destin meta Marixxall tal-Qrati ta' Gustizzja mar biex jinnotifika lil zewgha bl-Avviz ghal meta kien sejjer isir dan il-Bejgh bl-Irkant u ta l-Avviz lill-mara tieghu ossija lill-mara ta' Borg Victor li tigi r-Rikorrenti / Attrici odjerna, kif gia qed jinghad u kif facilment jigi pruvat fil-mori ta' din il-kawza.

Illi r-Rikorrenti / Attrici Borg Doris qeghda mhux biss tiprotesta mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja f'pajjizna talli jhallu proceduri bhal dawn mexjin qisu ma qieghed jigri xejn, u dan minkejja li nhar il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2007, ir-Rikorrenti ntavolat fir-Registru ta' din il-Qorti u partikolarment fid-Dipartiment tas-Subbasta Rikors Urgentissimu li nnotifikatu lil mhux anqas minn seba' intimati li kienu jinkludu apparti minn zewgha Borg Victor, lill-konjugi Silvio, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Avukat Generali tar-Repubblika, lill-intimat / konvenut l-iehor hawn imsemmi d-Direttur tal-Qrati tal-Gustizzja, lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Intern, liema intimati gew kollha notifikati f'jum it-Tnejn, 18 ta' Gunju, 2007, jigifieri erbat ijiem wara li hi kienet ipprezentat dan ir-Rikors Urgentissimu taghha u fejn din l- Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo b'Digriet Kamerali tal-istess jum tal-Hamis, 14 ta' Gunju, 2007, ta lill-partijiet kollha notifikati partikolarment lill-partijiet interessati erbat

ijiem biex iwiegbu u fejn il-partijiet interessati effettivament wiegbu sa jum il-Gimgha, 22 ta’ Gunju, 2007, imma pur troppo ma kienx hemm decizjoni minn din l-Onorabbli Qorti dwar jekk il-Bejgh bl-Irkant kienx sejjer jigi definittivament sospiz sakemm ikun maghrufa l-ezitu ta’ din il-kawza li qeghda tintavola r-Rikorrenti / Attrici biex tissalvagwardja l-interessi proprjetarji taghha bhala mara mizzewga, mart Victor Borg tal-Proprjeta’ Immobiljari li tikkonsisti f’hames (5) flats fi Triq St. Vincent gewwa Ta’ Sliema maghrufin bl-isem ta’ “Dorvic Flats” u proprju tali Appartamenti msemmijin ghar-Rikorrenti / Attrici u ghal zewgha l-intimat / Konvenut Victor Borg.

Illi bi preokkupazzjoni kbira biex tissalvagwarda l-interessi proprjetarji immobiljari taghha, ir-Rikorrenti / Attrici ddepozitat permezz ta’ Cedola referenza numru 792/2007, Cash number: 1065/06/2007 l-ammont ta’ tmenin lira Maltin permezz ta’ ricevuta ufficjali li ggib in-numru 000059014 datata 14 ta’ Gunju, 2007 liema Cedola giet mehmuza mar-Rikors Urgentissimu Cash number 1064/06/2007 li wkoll gie ntavolat nhar l-14 ta’ Gunju, 2007 fl-Atti tas-Subbasta hawn imsemmijin u dan skond l-ircevuta ufficjali 000059013 datata 14 ta’ Gunju, 2007.

Illi ghalhekk f’jum l-Erbgha, 20 ta’ Gunju, 2007, ir-Rikorrenti / Attrici Borg Doris intavolat Rikors Urgentissimu iehor biex din l-Onorabbli Qorti kif ipresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo tissospendi l-Bejgh bl-Irkant peress illi kien hemm biza’ fondat li mhux ser ikun hemm ezitu naha jew ohra definittiv u li ghalhekk bilfors ir-Rikorrenti / Attrici kienet ser tkun kostretta tintavola dawn il-Proceduri Legali f’forma ta’ Kawza permezz ta’ dan ir-Rikors Guramentat f’jum it-Tnejn, 25 ta’ Gunju, 2007, lejliet il-Progettat Bejgh bl-Irkant u dan a bazi tat-Talbiet li r-Rikorrenti / Attrici odjerna qeghda taghmel f’din il-kawza attwali proprju biex dan l-abbuz li sehh jigi rrimedjat, jigi formalment annullat u nvalidat u dikjarat ineffettiv legalment u mhux enforzabbli skond il-ligijiet ta’ Malta u l-ebda ligi ohra, u anka fejn ir-Rikorrenti / Attrici, titlob ghal kumpens tad-danni minnha sofferti, li qeghda ssofri u li ghad tista’ ssofri kagun ta’ dan l-abbuz li sar u fic-cirkostanzi ghalhekk wara li r-Rikors

Urgentissimu din id-darba ta’ nhar l-Erbgha, 20 ta’ Gunju, 2007, tar-Rikorrenti / Attrici Borg Doris ma giex milqugh minn din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Dr Giannino Caruana Demajo fuq il-bazi li l-Qorti riedet tistenna sakemm tara x’kellhom xi jghidu l-partijiet interessati, u konsiderando li r-Rikorrenti / Attrici deherilha li ma kienetx ser tirriskja li jghaddi jum it-Tnejn, 25 ta’ Gunju, 2007 u ma tiehux passi decizivi u ezekuttivi, allura hija kienet kostretta li taghmel din il-kawza odjerna permezz ta’ dan ir-Rikors Guramentat odjern.

Illi kien nhar it-tmienja (8) ta’ Dicembru tal-elf, disa’ mija u tnejn u tmenin (1982), ossija hamsa u ghoxrin sena ilu, meta naturalment ir-Rikorrenti / Attrici kienet diga’ mizzewga lill-intimat Victor Borg, kif effettivament ghadhom mizzewgin u mhux legalment mifrudin ghall-grazzja ta’ Alla sal-gurnata tallum, li permezz ta’ Att Pubbliku kienu akkwistaw in Atti Nutar Dr George Bonello du Puis minghand certu John Borg li kellu n-numru tal-Karta tal-Identita’ 466648(M) u li ma jigi xejn apparentament mill-intimat / konvenut Victor Borg il-fond de quo skond ma jirrizulta mid-dettalji f’dak l-Att Pubbliku koncernat u li bl-aktar mod malizzjuz lanqas biss saret referenza ghal dan l-Att Pubbliku ta’ nhar it-tmienja (8) ta’ Dicembru, tal-elf, disa’ mija u tnejn u tmenin (1982) fl-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 fi-ismijiet: “Mario Silvio et vs Victor Borg” li juri l-mala fede tal-partijiet involuti fl-Atti tas-Subbasta in kwistjoni u li huwa ghajb li Awtoritajiet Kompetenti ma ezaminawx l-Atti bir-reqqa obbligatorja li kellhom jigu ezaminati biex tali abbuz, uzurpazzjoni, serq tal-proprjeta’ tar-Rikorrenti / Attrici ma jsehhx u li ma kellu jkun hemm qatt ghalfejn ir-Rikorrenti / Attrici tirrikorri ghal dawn il-Proceduri Legali permezz ta’ dan ir-Rikors Guramentat odjern u ghalhekk ir-Rikorrenti / Attrici qed izzomm responsabbli lill-persuni kollha li pperpetraw dan l-att illegali u abbuziv inkluz dawk li kien id-dover taghhom li jaraw li tali abbuz effettivament ma jsehhx u ghal dan l-iskop barra Mario u Helen konjugi Silvio u Victor Borg, hemm Intimati / Konvenuti ohra li qeghdin jigu mharrka bhala partijiet f’din il-kawza odjerna.

Illi r-ragel tar-Rikorrenti / Attrici jahdem formalment bhala Wall Paper Affixer ossija li jwahhal il-'wall paper' u allura l-introjtu tal-ghixien tal-konjugi Borg huwa proprju d-dhul mill-kirjiet ta' dawn il-hames Appartamenti li huma ghandhom f'St. Vincent Street, gewwa Ta' Sliema u allura tista' timmagina li meta l-valur ta' dan il-fond immobiljani effettivament skond ir-Relazzjoni tal-Espert Gudizzjarju l-Perit David Pace originarjament stmah fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm125,000) skond Relazzjoni li saret nhar id-29 ta' Marzu, 2007, mahlufa mill-istess Espert Gudizzjarju l-Perit David Pace fejn umbaghad iddikjara li s-sehem tal-intimat Victor Borg huwa ta' tnejn u sittin elf u hames mitt lira Maltin (Lm62,500) pero' minghajr ma dahal kemm kien legali u korrett li ssir stima ta' fond immobiljari minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni jekk il-mara ta' Victor Borg kienetx taf b'dan kollu li qieghed isir li evidentament ma kienx il-kaz minhabba li minn imkien ma rrizulta u minn imkien ma hemm ebda referenza lanqas biss darba li Victor Borg huwa mizzewweg lil Doris Borg u allura l-mala fede hija evidentissima u kwindi ghala r-Rikorrenti / Attrici qeghda tinsisti ghad-drittijiet kollha taghha u ghar-rimedji kollha legalment possibbli biex hija tara li l-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir.

Illi jidher evidentament ovvju li umbaghad issemmiet il-kwistjoni li l-fond de quo kien soggett ghac-cens temporanju ta' wiehed u erbghin centezmu u seba' millezmi (41c7) ghal parti rimanenti li huwa kalkolat li huwa ta' tmienja u erbghin sena u ghaldaqstant il-Perit wasal ghall-konkluzjoni li proprjeta' de quo hija stmata skond il-prezz fis-suq fid-29 ta' Marzu, tas-sena kurrenti fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm125,000).

Illi b'dan l-abbuz kollu kienu jafu evidentament kemm Mario u Mary Helen Silvio ta' numru 17, Triq l-Ghorghar, gewwa Santa Lucija kif ukoll Victor Borg ta' Block B4, Appartament numru 7, Housing Estate gewwa Ta' Xbiex u ghaldaqstant dawn il-partijiet estremament interessati f'din il-procedura nvalida, illegali w abbuziva ma jistax jinghad li kellhom xi buona fede f'dan il-kaz meta ben tajjeb kienu

jafu billi li wiehed jeccepixxi li ma kienx jaf il-ligi mhux skuza, li l-fond de quo jappartjeni lill-Kommunjoni tal-Akkwisti li ghadha definittivament ezistenti bejn il-konjugi Victor u Doris Borg.

Illi bl-aktar mod lampanti u car huwa ovvju li l-Att Pubbliku tan-Nutar Pubbliku Malti Dr Marco Buttigieg ta’ San Gwann Court, Naxxar Road, San Gwann datat sitta w ghoxrin (26) ta’ Luiju, tas-sena elfejn u hamsa (2005) — meta evidentament ma kien hemm ebda dubju li Victor Borg kien gie ilu mizzewweg hafna lir-Rikorrenti / Attrici Doris Borg — tali Att Pubbliku huwa evidentament null u nvalidu, illegali u abbuziv, u mhux enforzabbli skond il-ligi u li n-Nutar Pubbliku in kwistjoni kellu l-obbligu legali u morali li jivverifika jekk l-intimat / konvenut Victor Borg bin-numru tal-Karta tal-Identita’ 187554(M) kienx legalment mizzewweg u jekk kienx legalment mifrud li kwantu ghal tal-ewwel kien jirrizulta fl-affermattiv u kwantu ghal tat-tieni kien jirrizulta fin-negattiv u li allura n-Nutar Pubbliku Dr Marco Buttigieg kien imissu jaf li tali Att Pubbliku qatt ma seta’ legalment isir partikolarment li kien jirrigwarda Kostituzzjoni ta’ Debitu u fejn evidentament Victor Borg kellu jidher jew f’ismu proprju u ghan-nom tal-mara tieghu jew inkella bi Prokura specjali moghtija lilu mill-istess martu debitament awtentikata tali Prokura Generali inkella l-aktar sistema assikuranti li kienu jidhru Victor Borg u martu Doris Borg u b’tali Att Pubbliku r-Rikorrenti / Attrici odjerna ma kienet taf xejn u ghaldaqstant minn dan l-aspett in-Nutar Dr Marco Buttigieg qieghed ukoll jinzamm ugwalment responsabbli ghad-danni li qed issofri, sofriet u ghad tista’ ssofri r-Rikorrenti / Attrici b’rizultat ta’ dawn l-atti Ilegali u abbuzivi li sehhew bi pregudizzju kbir ghall-interessi proprjetarji tal-istess Rikorrenti / Attrici odjerna.

Illi d-Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-ghaxra (10) ta’ Novembru, elfejn u sitta (2006) fuq Rikors tal-intimat / konvenut Mario Silvio detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numnu 691649(M), huwa wkoll null u nvalidu ‘il ghaliex f’kull kaz kien hemm legalment mehtieg il-prezenza tal-konsorti kemm ta’ Mario Silvio kif ukoll ta’ Victor Borg iben Toni Borg u Margaret nee’ Southerland li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita’ 187554(M) u dan

minkejja t-tezi li hawn kien hemm involut in-nofs indiviz tal-blokk ta' bini li jikkonsisti f'hames (5) flats fi Triq St. Vincent gewwa Ta' Sliema billi tali blokk t'appantamenti kien jappantjeni lill-Kommunjoni tal-Akkwisti u allura m'hemm ebda skuza li l-legalita' u abbuz bhal dan seta' jigi permess, kwindi anka l-istess Digriet moghti minn din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru, tas-sena elfejn u sitta (2006) kien monk, null u nvalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli u ghalhekk f'dan is-sens bhala wiehed mill-intimati / konvenuti hemm id-Direttur tal-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubbliku ta' Malta.

Illi l-Ittra Gudizzjarja mibghuta lill-intimat / konvenut Victor Borg li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 187554(M) fl-istess indirizz fejn tirresjedi martu Doris Borg ir-Rikorrenti / Attrici odjerna gewwa Ta' Xbiex, liema Ittra Gudizzjarja ggib id-data tat-3 ta' Ottubru, 2006, hija wkoll nulla u nvalida billi fl-ewwel lok Mario Silvio baghtha f'ismu proprja u ma hemm ebda referenza ghall-mara tieghu, saret referenza ghall-Att Pubbliku tan-Nutar Dr Marco Buttigieg li qed jigi sottomess huwa Att Pubbliku li huwa null u nvalidu u li Victor Borg kellu jigi notifikat flimkien ma' martu r-Rikorrenti / Attrici odjerna, mela hawnhekk ghandna kaz ta' Ittra Ufficjali li purche' hemm referenza li hija rikjesta ai terimini tal-Artikolu 256 sub-Artikolu (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija Ittra Ufficjali nulla u nvalida, ineffettiva u li m'ghandha ebda validita' fil-ligi ghar-ragunijiet ovvji dwar mankanza ta' rekwiziti mehtiega skond l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u din hi r-raguni ghala Victor Borg, Mario Silvio u n-Nutar Marco Buttigieg huma fost l-intimati / konvenuti f' din il-kawza odjerna billi ghandna ezempji cari ta' abbuzi li qatt ma ghandhom jithallew isiru f'amministrazzjoni trasparenti ta' esekuzzjoni ta' gustizzja.

Illi huwa veru kundannabbli u r-Rikorrenti / Attrici qed titlob li jittiehdu l-passi kollha kontra kull min huwa responsabbli skond id-Dokument tal-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 kif fl-ebda stadju ma isem ir-Rikorrenti ma huwa msemmi qisha din Doris Borg mart Victor Borg ma tezistix, qisha m'hijiex mara mizzewga, li legalment hija daqstant

komproprjetarja tal-fond immobiljari mertu tal-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 u f'dan il-kuntest ir-Rikorrenti / Attrici Doris Borg qed titlob il-protezzjoni ta' din il-Qorti b'rimedji effettivi nkluz jekk hemm bzonn proceduri diversi biex min kien responsabbli ghal dan l-abbuz jigi evalwat skond il-ligijiet ta' pajjizna u skond il-grad ta' responsabilita' li l-individwi nvoluti kien imisshom assumew.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet id-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' April, tas-sena 2007 huwa wkoll null u nvalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli u dan ghar-ragunijiet hawn fuq suesposti li qeghdin jirrizultaw minn din il-lista twila ta' Premessi li qeghdin jigu hawn elenkati f'dan ir-Rikors Guramentat odjern.

Illi huwa ghajb ghas-serjeta' u d-dinjieta' tat-trasparenza tal-amministrazzjoni tal-gustizzja f'pajjizna, li ma sar ebda tentattiv biex tigi notifikata b'dawn l-Atti r-Rikorrenti / Attrici odjerna anzi kellha tkun l-istess Rikorrenti / Attrici li bejn il-Hamis, 14 ta' Gunju, tas-sena kurrenti u t-Tnejn, 25 ta' Gunju, tas-sena kurrenti ghamlet tliet (3) Atti Gudizzjarji kif jirrizultaw ampjament mill-Elenku ta' Dokumenti P din il-kawza odjerna biex tissielet ghas-salvagwardar tad-drittijiet proprjetarji taghha li jemanixxu bl-aktar mod kategoriku mill-Ligijiet ta' Malta liema ligijiet gew sfaccatament abbuzati bl-aktar mod indenjituz immaginabbli u li jisthoqqilhom l-istmerrija ta' dawk kollha li jridu jkunu servi tal-Ligi biex tabilhaqq inkunu hielsa fid-Demokrazija taghna.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 fl-ismijiet: "Mario Silvio et -vs- Victor Borg" huma fl-intier taghhom kollha abbuzivi w illegali, invalidi u mhux effettivi, u ma jistghu qatt jigu enforzabbli skond il-ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet ovvji li diga' rrizultaw, li kellhom jirrizultaw ab initio, u mhux thallew jitkomplew, u ghal dawn il-motivi biex tissalvagwarda l-interessi kollha fattwali u legali taghha, ir-Rikorrenti / Attrici odjerna kienet kostretta li taghmel il-kawza odjerna.

Talbet prevja r-referenza ghad-Dokumenti ndikati fl-Elenku ta' Dokumenti hawn mehmuza, inkluz l-istess Dokumenti, li l-intimati / konvenuti komulattivament jew minn min minnhom, ighidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tifli u tevalwa, taqta' u tiddeciedi, u tordna illi:

**11 TALBIET URGENTISSIMI**

(i) dan ir-Rikors Guramentat ghandu jigi mismugh u deciz b'urgenza minhabba dak li legalment huwa ampjament ovvju imma fil-fatt xorta thalla li jsir minn persuni li suppost kienu jafu ben tajjeb li dan ma setax legalment isir minghajr ma tinkiser il-ligi;

(ii) li jekk ghall-grazzja tal-argument konsiderando li din il-kawza qeghda tigi ntavolata f'jum it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2007, ossija jum qabel it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2007, meta l-Bejgh bl-Irkant kien ordnat illi jsir, jekk effettivament tali Bejgh bl-Irkant xorta wahda ikun sar allura din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li l-process kollu konness mal-Bejgh bl-Irkant ikun dikjarat null u nvalidu, abbuziv u ineffettiv, u mhux enforzabbli skond il-ligi u li allura kwalsiasi decizjoni jew Att li jkunu sehhew ghandhom jigu awtomatikament invalidati minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha tar-Rikorrenti / Attrici Borg Doris li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita' 0300155(M);

(iii) l-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 fi-ismijiet: "Mario Silvio et vs Victor Borg" huma FL-INTIER TAGHHOM kollha nulli u nvalidi, ineffettivi u abbuzivi u mhux enforzabbli skond il-ligi, u dan mill-mument illi gew intavolati sa kwalsiasi Att illi jsir fil-parametri tal-Atti tas-Subbasta in kwistjoni u dan ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha legali u fattwali tar-Rikorrenti / Attrici f'dan ir-Rikors Guramentat odjern;

(iv) fic-cirkostanzi d-Digriet ta' din il-wisq Onorabbli Qorti ta' nhar is-27 ta' April, tas-sena 2007 huwa wkoll null u nvalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli billi nghata fuq fatti qarrieqa li ngabu lil din il-wisq Onorabbli Qorti b'mod skorrett u b'hekk immizgwidaw lill-Qorti biex taghti Digriet

li fih innifsu ma seta' qatt kien validu minhabba c-cirkostanzi li waslu biex tali Digriet tas-27 ta' April, 2007 effettivament inghata u li fic-cirkostanzi l-jum tat-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2007, mid-disgha ta' flighodu sa nofsinhar ghall-Bejgh bl-Irkant m'ghandu ebda konsegwenzjalita' legalment valida ghar-ragunijiet legali u fattwali li rrizultaw fil-mori ta' din il-kawza;

(v) id-Digriet tal-10 ta' Novembru, tas-sena 2006, moghti minn din il-wisq Onorabbli Qorti u riferut fl-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 huwa wkoll null u nvalidu, ineffettiv u mhux esegwibbli u ghalhekk kwalsiasi decizjoni jew azzjoni jew konsegwenza li tirrizulta minn tali Digriet tal-10 ta' Novembru, 2006 ghandha ugwalment tigi dikjarata nulla u nvalida minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti fattwalment u legalment lir-Rikorrenti / Attrici odjerna;

(vi) id-deskrizzjoni u r-Relazzjoni tal-Arkitett u Inginier Civili David P. Pace fid-Dokument tieghu mahluf nhar it-18 ta' April, 2007 huwa null u nvalidu, ineffettiv u ma jistax jigi enforzat minhabba li r-referenza ghan-nofs indiviz tal-blokk ta' bini hemm imsemmi ma seta' qatt jigi valutat minghajr il-kunsens u l-aprovazzjoni, il-permess tacitu u esplicitu tar-Rikorrenti / Attrici odjerna bhala mart l-intimat / konvenut Victor Borg li kien u ghadu r-ragel legalment mizzewweg lilha liema zwieg m'huwiex bl-ebda mod mimsus minn xi Firda Legali approvata minn Qorti Kompetenti, u ghalhekk kellha tingab awtorizzazzjoni alternattivament minn Qorti Kompetenti biex din ir-Relazzjoni tal-Perit Arkitett u Inginier Civili Espert tkun sancita skond il-ligi;

(vii) r-Rikors tal-Intimati / Konvenuti Silvio Mario u Mary Helen konjugi msemmi fl-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 u li a bazi tieghu nghata d-Digriet minn din il-Qorti nhar is-27 ta' April, 2006, huwa ntiz biex jimmizgwida lill-Qorti fuq fatti li m'humiex verosimili u ghalhekk il-konjugi Silvio Mario u Mary Helen ghandhom jigu mizmuma responsabbli ghal kwalsiasi danni sofferti, li qeghda ssofri u li ghad tista' ssofri r-Rikorrenti / Attrici odjerna u dan ghar-ragunijiet legalment u fattwalment

mibnija li rrizultaw fil-mori ta’ dawn il-Proceduri Urgentissimi;

(viii) l-Intimat / Konvenut Direttur tal-Qrati tal-Gustizzja ghandu jigi mizmum ugwalment responsabbli ghad-danni kollha li sofriet, qed issofri u ghad tista’ ssofri r-Rikorrenti / Attrici u dan peress li kellhom isiru verifiki b’mod aktar vigilanti biex tali abbuz da parti tal-Intimati / Konvenuti konjugi SILVIO u da parti tal-Intimat / Konvenut Victor Borg li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita’ 187554(M) ma jithallewx isiru u mhux kienu avvanzati bizzejjed li kieku ma kienx ghal incident ta’ notifika, ir-Rikorrenti / Attrici ma kienetx tkun taf bil-mod kif hija kienet sejra tigi denudata bl-aktar mod sfaccat mill-proprjeta’ immobiljari taghha fejn umbaghad kien ikollha taghmel hafna spejjez inutli biex tipprova tirkupra dak li “legalment” ikun abbuzivament ittiehdilha bil-barka ta’ paravendi legali li qatt ma kien imissha taht l-ebda cirkostanza inghatat;

(ix) l-Intimat / Konvenut Victor Borg li ghandu n-numru tal-Karta tal-identita’ 187554(M) kien daqstant responsabbli talli zvijja lil terzi persuni nkluz lill-Awtoritajiet tal-amministrazzjoni tal-gustizzja b’fatti li hu kien jaf bejn tajjeb li jezistu imma li naqas illi jirreferi ghalihom fl-Atti li huwa ffirma ghalihom u ghaldaqstant ghandu jigi wkoll mizmum responsabbli ma’ Intimati / Konvenuti ohra tad-danni kollha sofferti mir-Rikorrenti / Attrici, li qeghda ssofri u li ghad tista’ ssofri kagun ta’ dan l-abbuz li evidentament sehh fi-Atti tas-Subbasta in ezami;

(x) ir-Relazzjoni tal-Espert Gudizzjarju l-Pent David Pace tad-29 ta’ Marzu, 2007 fl-Atti tas-Subbasta numru : 155/2006 fl-ismijiet : “Mario Silvio et vs Victor Borg” hija ghar-ragunijiet li rrizultaw fil-mori tal-kawza nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u dan minghajr pregudizzju ghad-dnittijiet kollha spettanti lir-Rikorrenti / Attrici odjerna nkluz li zzomm responsabbli ghad-danni sofferti, li sofriet u ghadha jew ghad tista’ ssofri b’rizultat ta’ din ir-Relazzjoni l-imsemmija Borg Doris: Id number 0300155(M);

(xi) l-Ittra Gudizzjarja mibghuta mill-Intimat / Konvenut Mario Silvio bil-Karta tal-Identita' numru 691649(M) ta' 17, Triq l-Ghorghar, Santa Lucia lil Victor Borg li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 187554(M) li jirresjedi Ta' Xbiex u li ggib id-data tat-3 ta' Ottubru, 2006 hija nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-ligi u dan ghar-ragunijiet legali u fattwali li rrizultaw fil-mori ta' din il-kawza;

(xii) l-Att Pubbliku in Atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr Marco Buttigieg, LL.D. tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hamsa (2005) bejn il-konjugi SILVIO u l-Intimat / Konvenut VICTOR BORG: Id number 187554(M) huwa null u nvalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli skond il-ligi u dan ghar-ragunijiet legalment u fattwalment validi skond kif irrizultaw fil-mori ta' din il-kawza;

(xiii) ir-Rikorrenti / Attrici ilha effettivament komproprjetarja tal-fond de quo sa minn mindu gie akkwistat il-fond immobiljari b'Att Pubbliku tan-Nutar Dr George Bonello du Puis, LL.D. tat-tmienja (8) ta' Dicembru, tal-elf, disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u li ghalhekk tali fond immobiljari fi Triq San Vincenz gewwa Ta' Sliema jappartjeni lill-Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-konjugi BORG u li dan awtomatikament ifisser li l-ebda Att riferut fl-Atti tasSubbasta numru 155/2006 fl-ismijiet kif hawn fuq citati ma ghandu ebda validita' jew enforzabilita' legali, sar abbuzivament jew b'negligenza jew traskuragni jew nuqqas t'osservanza tal-ligijiet ta' Malta li jirrigwardaw il-proprjeta' immobiljari bejn mizzewgin mhux mifrudin u li jaqa' taht ir-regim tal-Kommunjoni tal-Akkwisti u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma dan l-istat ta' fatt kif imsahhah u assodat mill-istess ligijiet ta' Malta li jigvernaw il-proprjeta' immobiljari, il-mizzewgin u l-Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn mizzewgin mhux legalment mifrudin;

(xiv) ghandhom jigu allaccjati formalment b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti l-Atti intieri tas-Subbasta numru 155/2006 fi-ismijiet: "Mario Silvio et vs Victor Borg" mertu ewlieni ta' din il-kawza odjerna li qeghda tigi ntavolata llum permezz ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern u dan biex din l-

Onorabbli Qorti mhux biss ikollha kontroll fuq l-Atti li huma llegali fihom infushom imma anka tkun tista' taghti rimedju effettiv jekk ikun sar xi abbuz ulterjuri minn dak li diga' sehh bi pregudizzju ghall-interessi u drittijiet legali kollha tar-Rikorrenti / Attrici odjerna;

(xv) ghandhom jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-Attrici / Rikorrenti, li qeghda ssofri u li ghad tista' ssofri kagun ta' dan l-abbuz, negligenza, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet li evidentament sehhew fi-Atti tas-Subbasta in ezami, liema danni ghandhom jithallsu fi zmien qasir u perentorju lir-Rikorrenti / Attrici skond kif jirrizultaw u dan minn dak l-Intimat / Konvenut jew Intimati / Konvenuti li jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti li kienu hatja ta' dan l-abbuz, nuqqas, negligenza, traskuragni, jew inosservanza tal-ligijiet li jirregolaw il-proprjeta' immobiljari, il-Kommunjoni tal-Akkwisti bejn mizzewgin mhux mifrudin, u l-procedura li korrettament ghandha tigi osservata u Ii fil-kaz in ezami definittivament u bl-aktar mod trasparenti ma gietx osservata minghajr ebda inizzjattiva biex tali inosservanza tigi mwaqqfa anka minn eghjjun li suppost kellu jwaqqatha skond il-ligi u skond il-fatti;

(xvi) li ghandhom jinhatru Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw l-eventwali jekk ikun il-kaz kontumaci bejn uhud jew xi hadd mill-Intimati / Konvenuti u dan immedjatament biex il-progress ta' dan ir-Rikors Urgentissimu odjern ma jigi bl-ebda mod stultifikat b'xi strategiji li jistghu deliberatament u intenzjonalment jinholqu biex tali proceduri odjerni jigu b'xi mod ostakolati;

(xvii) din l-Onorabbli Qorti ghandha tahtar Periti Esperti jekk ikun il-kaz biex jezaminaw id-danni sofferti mill-istess Rikorrenti / Attrici u biex anka jirrelataw dwar il-fatti li jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza u jillikwidaw id-danni Ii jirrizultaw ukoll fil-mori ta' din il-kawza u dan biex kwalsiasi pregudizzju soffert mir-Rikorrenti / Attrici jigi immedjatament rimedjat minghajr dewmien zejjed;

(xviii) ghandhom jinghataw kwalsiasi provedimenti Ii din l-Onorahbli Qorti joghgobha li taghti u tordna inkluz direttivi

spefici bhal referenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ministeru tal-Gustizzja, lis-Segretarjat Parlamentari inkarigata mill-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, lill-Ufficju tal-Avukat Generali tar-Repubblika, li mhux biss ir-Rikorrenti / Attrici ma tigi bl-ebda mod pregudikata u li tigi kkumpensata ghad-danni li sofriet, qed issofri u / jew ghad tista' ssofri imma li anka tinghata rimedji biex effettivament id-danni kif likwidati jigu mmedjatament imhallsa lill-istess Rikorrenti / Attrici jekk ikun il-kaz kif ukoll biex jigi assigurat li tali nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-Gustizzja f'Dipartimenti hekk importanti bhal dawk tas-Subbasta ma jigu bl-ebda mod assoggettati bir-rieda ta' persuni li forsi l-intenzjonijiet taghhom ma jkunux daqshekk retti kif hemm suspetti fondati li huwa l-kaz fil-Proceduri odjerni u li kif ampjament jirrizultaw mill-Atti tas-Subbasta numru 155/2006 fi-ismijiet: "Mario Silvio et vs Victor Borg";

(xix) l-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji ghandhom jigu sapportati mill-Intimati / Konvenuti kollha jew minn min minnhom skond il-proporzjon jekk ikun il-kaz li tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti a bazi tal-provi li tkun evalwat fil-mori ta' din ic-Citazzjoni odjerna permezz ta' dan ir-Rikors Guramentat tal-jum tat-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2007.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-Intimati / Konvenuti jew minn min minnhom skond kif tiddeciedi u tordna din l-Onorabbli Qorti, liema Intimati / Konvenuti ILKOLL KEMM HUMA huma minn issa ngunti IN SUBIZZJONI.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni gudizzjarja ulterjuri spettanti lir-Rikorrenti / Attrici Doris Borg: Id number 0300155(M) fid-dawl ta' dak li jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza u a bazi tat-Talbiet taghha hawn indikati u kif hawn fuq suesposti.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Mario Silvio u martu Mary Helen Silvio, li in forza taghha huma eccepew :

1. **ILLI** preliminarjament in-nullita tar-rikors promotur stante illi ma fihx il-kliem stampat taħt l-intestatura tal-Qorti a tenur ta' artikolu 156.d tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement a tenur ta' artikolu 156.7 ta' l-istess kapitolu r-reġistratur kien prekluż mill-jirċievi r-rikors odjern;

2. **ILLI** preliminarjament in-nullitta tar-rikors promotur stante illi ma ġiex imħares id-dispost ta' artikolu 159 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, u għalhekk preliminarjament, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, mingħajr preġudizzju għas-suespost li tordna li hwejjeg żejda jitħassru u l-esponent jingħata fakolta jerġa jwieġeb wara li jiġi notifikat bir-rikors mibdul a spejjes tar-rikorrenti;

3. **ILLI** preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotur statne illi umilment jiġi rilevat it-talbiet huma ingarbuljati, ma jagħmlux sens u għalhekk l-esponent huwa prekluz u ma jistax jiddefendi skond il-liġi u dana a tenur ta' artikolu 789 ċ. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. **ILLI** ukoll preliminarjament in-nullitta' tar-rikors promotur stante illi ħafna mill-premessi u minn dak mitlub mir-rikorrenti taħt l-intestatura *'Talbiet Urġentissimi'* huwa ġuridikament insostenibbili stante illi umilment jiġi rilevat li ma hemm xejn null *ab initio*;

5. **ILLI** ukoll preliminarjament in-nullita' ta' l-azzjoni kif esperita statne illi donnu il-Qorti qed tintalab tannulla kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Marco Buttigieg datat sitta u għoxrin (26) ta' Lulju elfejn u ħamsa (2005) u dan mingħajr ma ntalbet dikjarazzjoni minn din l-Onorabbili Qorti illi l-kunsens tar-rikorrenti kien meħtieġ u mankanti u dana a tenur ta' artikolu 1326 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. **ILLI** fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-istima tal-Perit David Pace ma hijiex attakkabbili u dana a tenur ta' arikolu 308 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. **ILLI** fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-att notarili mertu tal-proċeduri odjerni, kien att normali ta'

ġestjoni ta’ kummerċ, a tenur ta’ artikolu 1324 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u għalhekk il-kunsens tar-rikorrenti ma kienx meħtieġ;

8. **ILLI** ukoll fil-mertu r-rikorrenti kienet konsapevoli ta’ dak kollu li sar minn żewgħa Victor Borg statne illi kienet tgħinu fil-ġestjoni ta’ l-intraprisa li kellhom;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Mario Silvio u martu Mary Helen Silvio;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur, Qrati Civili u Tribunali, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti jirrileva, l-ewwel u qabel kollox, illi huwa ma ghandu u ma jista jkollu l-ebda interess guridiku fil-kawza odjerna, stante illi hija bejn il-partijiet illi maghhom l-esponent qatt ma kellu xi involviment, u ghalhekk ikun opportun illi r-rikorrent ma jkomplix jinonda lill-ufficju tal-esponenti b’dokumentazzjoni voluminiza meta dawna ma huma ta’ l-ebda interess lill-esponenti, u dana, jekk mhux sabiex jevita moltiplikazzjoni inutili ta’ dokumenti fl-ufficju tal-esponenti, ghal anqas sabiex jigu limitati l-ispejjez tar-rikorrenti stess, illi l-esponent certament jemmen illi huwa fl-interess tagha illi l-ispejjez taghha jigu ridotti;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent joqghod ghal dawk l-ordnijiet illi jogghobha taghti dina l-Onorabbli Qorti, liema ordnijiet eventwalment huwa jiehu hsieb illi jobdi rigorozament, kif trid il-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Victor Borg, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponenti jikkonferma li :

a. Huwa mizzewweg lir-rikorrenti Doris Borg u li m’humiex legalment fattwalment separati;
b. Huwa flimkien ma martu r-rikorrenti huma proprjetarji tal-blokk bini konsistenti f’hames appartamenti, fi Triq Saint Vincent, Sliema, liema block huwa mibni fuq is-sit qabel okkupat mill-fond ufficjalment market bin-

numru 57 (gja markat bin-numru 53), u llum bl-isem "Dorvic Flats", liema fond kien gie akkwistat mill-esponent u minn martu r-rikorrenti (fiz-zwieg) permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr George Bonello Dupius tat-8 ta' Dicembru, 1982;

c. Il-kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2005, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Buttigieg sar ad insaputa tar-rikorrenti martu u dan minkejja li l-intimati konjugi Silvio kienu jafu li l-esponenti kien mizzewweg lir-rikorrenti u li r-rikorrenti stess ma kienetx ser tippermetti li jsir tali kuntratt fuq proprjeta tal-komunjoni tal-akkwisti;

d. Fil-fatt ghalkemm il-kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2005 ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg, huwa wiehed ta' Kostituzzjoni ta' Debitu, fir-realta l-esponenti qatt ma ssellef flus minghand l-intimati konjugi Silvio u qatt ma rcieva l-ebda flus minghandhom. Dan il-kuntratt ma kien xejn ghajr simulazzjoni stante li l-konjugi Silvio, li kienu koppja habiba tal-esponenti u ta' martu r-rikorrenti, riedu garanzija ghal flus li kienu ghaddew lill-habib iehor tal-partijiet certu Omar Issa Yazigi. Il-konjugi Silvio poggew pressjoni fuq l-esponenti biex jaghti tali garanzija u ghalkemm gharrafhom li martu r-rikorrenti kienet toggezzjona ghal dan jekk issir taf, l-intimati konjugi Silvio nsistew li dan seta' jsir fuq sehemu mill-proprjeta'. Dan gie kkonfermat ukoll min-Nutar Dr Marco Buttigieg.

e. Ghalkemm mill-kuntratt innifsu ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Buttigieg fis-26 ta' Lulju, 2005, jirrizulta li l-esponenti kien mizzewweg lir-rikorrenti u dan meta jissema li l-ipoteka specjali "qieghda tigi kkostitwita limitament fuq sehem id-Debitur mill-imsemmija flats, u b'hekk bl-eskluzjoni expresa ta' kwalunkwe sehem illi jista' jkollha mart id-Debitur minn dawn il-Flats", in-Nutar fl-ebda hin ma ndika lill-esponenti li tali kuntratt ma setghax isir.

f. Il-kirja ta' dawn l-apartamenti hija s-sors principali ta' ntrojtu tal-esponenti u ta' martu u huwa fl-ebda hin ma kellu ntenzjoni li jipperikola tali ntrojtu – huwa ffirma l-kuntratt tas-26 ta' Lulju, 2005, fuq bazi ta' hbiberija biex iserrah ras il-konjugi Silvio (fuq insistenza taghhom) dwar il-flus li keinu qed isellfu lil Omar Issa Yazigi – l-esponenti lanqas biss irrejalizza l-konsegwenzi serji tal-kuntratt li

ffirma, specjalment tenut kont li huwa lanqas biss issellef xejn minghand il-konjugi Silvio.

2. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Gunju, 2007 fl-ismijiet : Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et, permezz ta' liema sentenza l-Qorti ddecidiet li ladarba l-ghoti ta' garanzija huwa att ta' natura straordinarja, tali garanzija m'ghandhiex turbot il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti meta ma jkunx hemm il-kunsens taz-zewg partijiet.

3. Illi ghalhekk l-esponent jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti li ghandhom jigu akkolti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Victor Borg;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut in-Nutar Dottor Marco Buttigieg, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma, in kwantu diretti lejn l-esponenti, infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi, sussidjarament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-26 ta' Lulju, 2005 huwa skond il-ligi u ghalhekk it-talbiet kontra l-esponenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Nutar Dr Marco Buttigieg;

Rat in-nota tal-intimat Perit David Pace b'risposta ghar-rikors ta' Doris Borg, illi permezz taghha l-intimat Perit David Pace irrileva illi s-sehem tieghu kien biss illi jespleta inkarigu moghti lilu minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jirrelata dwar il-valur tal-fond in kwistjoni;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Novembru 2007 illi permezz tieghu laqghet it-talba ta' l-attrici, ordnat is-sospenzjoni immedjata tas-subbasta illi kellha isehh fil-15 ta' Novembru 2007 u laqghet l-ewwel talba attrici fis-sens illi ordnat illi l-kawza ghandha tinstema u tigi deciza bl-urgenza.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi li tressqu u d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed Victor Borg, zewg l-attrici u qal illi huwa ghandu xoghol ta' decorator. Huwa qal illi matul iz-zwieg kien xtara proprjeta flimkien ma martu f'St Vincent Street Sliema; liema proprjeta hija mertu tal-kawza odjerna. Huwa xehed illi fit-23 ta' Lulju 2005 huwa iffirma kuntratt in atti Nutar Dr Marco Buttigieg fejn huwa biss accetta illi kellu jaghti lil Mario Silvio u lil Helen Mary Silvio is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000) u qal illi huwa dan ma setghax jaghmlu peress illi dak kollu li ghamel ghamlu minghajr il-permess ta' martu. Victor Borg xehed illi huwa ghamel dan il-kuntratt mhux minn naha tieghu imma minn naha tan-Nutar illi skond Borg kien qal lil Mario Silvio illi hu setgha imur jaghmel wahdu il-kuntratt minghajr il-mara. Victor Borg xehed illi martu ma kienet taf xejn dwar dan il-kuntratt u l-ewwel darba li saret taf bih kien meta irceviet il-karti tal-Qorti u saret taf li l-proprjeta illi taghha hija kellha nofsha kienet ser tinbiegh bis-subbasta. Illi skond ix-xhud, dan kollu gara meta kien dahal persuna barranija u hu, il-persuna barranija u Mario Silvio kienu johorgu jixorbu u jieklu ma din il-persuna li riedet ghoxrin elf lira Maltin ghal casino u hu mar jitlob din is-somma ghan-nom ta' dan il-barrani minghand Mario Silvio, illi tah dawn il-flus u qallu "jiena mieghek biss ghandi x'naqsam." Sussegwentement, il-barrani rega ried ghoxrin elf lira (LM20,000) ohra u Mario Silvio rega ghadda din is-somma lil Victor Borg u din l-istorja

irrepetiet ruhha ghat-tielet darba, izda precizament it-tielet darba il-barrani ried sittax il-elf lira Maltin (LM16,000) u x-xhud kellu bzonn erbat elef lira Maltin (LM4,000) u huwa issellef dan l-ammont kollu minghand Mario Silvio. Il-barrani kien cempel lil Mario Silvio u talbu jisilfu l-ammont ta’ elf u mitejn lira Maltin (LM1,200) u Mario Silvio qallu illi sabiex jaghmel hekk huwa, jigifieri Victor Borg, ried jaghmillu garanzija fuq l-ammont kollu tal-flus li kien tah. Mario Silvio kellu jiehu is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000), peress illi elfejn lira minnhom kienu commission. Ix-xhud kompla jghid illi gie dahru mal-hajt, emmen illi l-barrani kien ser jigi Malta u jaghtih il-flus u ghalhekk ghalaq ghajnejh u mar jaghmel il-kuntratt biex jaghti garanzija lil Mario Silvio tal-ammont kollu li kellu jiehu, jigifieri it-tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000). Ix-xhud kompla jghid illi l-konvenuta Mary Helen Silvio ma kienet taf b’xejn minn dak li kien qieghed isir, minkejja il-fatt illi kienet prezenti meta gie iffirmat il-kuntratt.

Illi Victor Borg kompla jixhed illi il-kuntratt sar fit-23 ta’ Lulju 2005 u fit-3 ta’ Ottubru, 2006 l-avukat ta’ Mario Silvio kien baghatlu ittra ufficjali fejn interpellah sabiex jhallas is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000). Huwa xehed illi qara l-ittra ufficjali u halliha hemm hekk u lill-mara tieghu baqa ma qalilha xejn. Victor Borg kompla jixhed illi ma kienx minnu illi huwa issellef il-flus minhabba xi negozju li ried jaghmel u illi Mario Silvio silfu l-flus sabiex hu jghaddihom lill-barrani li jismu Omar Jasigi u illi t-tielet darba Mario Silvio kien ta lill-barrani is-somma ta’ sittax il-elf lira Maltin (LM16,000) u lilu kien tah biss is-somma ta’ erbat elef lira Maltin (LM4,000). Victor Borg kompla jixhed illi l-Perit David Pace, minkejja li kien tah appuntament sabiex jigi jistma l-proprjeta’ tieghu, qatt ma tfacca. Victor Borg finalment xehed illi n-Nutar lilu qatt ma qallu li setgha imur jaghmel il-kuntratt fl-assenza tal-mara tieghu, izda kien Mario Silvio li kien qallu li kien cempel lin-nutar u li n-nutar kien qallu illi huwa setgha imur jaghmel il-kuntratt fl-assenza tal-mara tieghu. Huwa xehed illi meta mar ghand in-nutar, in-nutar beda jirredigi il-kuntratt u lilu ma qallux illi kien hemm bzonn illi tidher il-mara tieghu wkoll fuq il-kuntratt.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet u ikkonfermat u ikkolloborat ix-xhieda illi ta zewgha il-konvenut Victor Borg.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll il-konvenut in-Nutar Marco Buttigieg illi qal illi meta sar il-kuntratt in kwistjoni meta sar jaf illi Victor Borg ma kienx ser igib lil martu ghall-kuntratt kien informa lil Mario Silvio li dan kien riskju tieghu ghaliex il-kuntratt kien ser annullabbli, skond il-ligi, izda peress illi l-partijiet kollha xtaqu illi jaghmlu l-kuntratt minkejja dan il-fatt, il-kuntratt sar. In-nutar ikkonferma illi l-partijiet ma argumentawx quddiemu u kienu decizi dwar dak li kienu qeghdin jaghmlu meta iffirmaw il-kuntratt. In-nutar xehed illi peress illi ma gietx il-mara ta' Victor Borg huwa insista, ghall-fini ta' l-ipoteka generali u l-ipoteka specjali, illi jitnizzel illi l-garanzija kienet limitatament ghas-self ta' Victor Borg personali u li bl-ebda mod ma kellu jintlaqat xi sehem li kellha mart Victor Borg minn dik il-proprjeta fir-rigward ta' l-ipoteka generali.

Illi effettivament Mario Silvio iffirma dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Marco Buttigieg fis-sens illi l-istess nutar kien fehmu dwar il-possibilita illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu iffirmat minnu ma Victor Borg setgha jigi annullat minn mart l-istess Victor Borg peress illi ma dehritx fuq il-kuntratt sabiex taghti il-kunsens taghha. Dan id-dokument gie iffirmat ukoll minn Mary Helen Silvio.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut Mario Silvio u qal illi Victor Borg kien ikun spiss hafna il-casino peress illi kien Slimiz. Martu kienet ukoll tkun hemm hekk u kienet iggiblu u izzommlu il-flus fil-portmoni u gieli kienet tigbor xi flus minghand xi nies. Wara certu zmien kien tfacca certu Omar, ta' nazzjonalita Sirjana. Sar jaf ukoll illi l-konvenut Victor Borg kellu l-problemi peress illi n-nies li kien jislifhom il-flus ma kienux qeghdin ihallsu u Victor Borg kien qabad jahdem ma dan il-barrani Omar. Mario Silvio kompla

jixhed illi huwa kien diga silef xi flus lil Victor Borg li kien qallu li kellu bzonn dawn il-flus sabiex jaghmel negozju ma dan is-Sirjan. Huwa xehed ukoll illi Victor Borg kien rega talbu biex jisilfu flus u din id-darba ried illi jissellef ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) u huwa ma kellu ebda dubju minnu u kien anke ghamilha cara quddiem martu, Doris Borg, illi kien ser jisilfu il-flus. Huwa ma kien ghamel l-ebda skrittura u li anqas ma kien talab lil Borg sabiex jaghtih imghax ghaliex sa dak iz-zmien kien jafdah. Mario Silvio kompla jixhed illi wara xi gimghatejn, jew tlett gimghat, Borg kien talbu sabiex jisilfu sitt elef lira ohrajn (LM6,000) u ghalhekk l-ammont tela ghal sittax il-elf lira Maltin (LM16,000). Hu rega silfu dawn il-flus minghajr ma ghamel skrittura ghaliex kien jafda lilu u kien hbieb mieghu u ma martu l-attrici, izda meta ra illi Borg ma hallsux lura il-flus li kien silfu ma silfux izjed. Fil-frattemp, sar jaf li Victor Borg kien qieghed jissellef flus minghand nies ohrajn ukoll. Darba minnhom Victor Borg mar ghandu jibki, kien iddisprat u talbu jisilfu erbat elef lira Maltin (LM4,000) ohra. Kien qallu li xi hadd kien heddu b’sikkina u ghalhekk huwa silfu erbat elef lira ohra (LM4,000) u b’hekk is-somma telghet ghal ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000). Hu kien incempel lil Victor Borg sabiex ihallsu, kien anke iccempel lill-martu l-attrici illi kienet taf b’kollox. Mario Silvio xehed illi l-attrici kienet icempillu, kienet inkwetata hafna u kienet tghidlu illi zewgha kellu problemi kbar peress illi kien issellef flus minghand in-nies. Dwar il-flus illi zewgha kellu jaghti lilu Silvio, xehed illi l-attrici kienet qaltlu li kienet ser tbiegh il-flatijiet u ihallas lil kullhadd. Hu kien qalilha biex ma tghaggilx sabiex ma titlifx il-flus minnhom. Silvio kompla jixhed illi darba ohra Victor Borg kien talbu jisilfu is-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) ohra u huwa qallu li kien bi hsiebu jislifhomlu bil-patt illi imorru jaghmlu skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ghand nutar u ftehmu li imorru ghand in-Nutar Dr Marco Buttigieg flimkien man-nisa taghhom, u effettivament Silvio xehed illi huwa mar bil-mara, izda Victor Borg kien gie wahdu ghaliex qal illi martu kienet ma tiflahx. Il-konvenut Silvio kompla jixhed illi Borg kien gie biex jaghmel il-kuntratt minghajr l-ebda oggezzjoni. Ix-xhud xehed illi huwa qatt ma kien talab lil Borg sabiex jaghtih imghax, izda dakinhar li marru ghand

in-nutar talab lin-Nutar sabiex innizzel imghax ta' hamsa fil-mija (5%) fil-kaz illi Borg idahhlu il-Qorti u dan id-diskors kien sar kollu quddiem Victor Borg. Il-konvenut Silvio kompla jixhed illi xi gimghatejn qabel ma kellha issir is-subbasta, l-attrici kienet marret ghandu il-hanut tieghu il-Fgura, dahlet tkellmu u wara ftit infexxet tibki u bdiet tghidlu x'kien ghamlilha zewgha. Hija riedet tinnegozja mieghu sabiex il-flatijiet ma jitilfux il-valur taghhom u imorru bis-subbasta u talbitu l-ghajnuna tieghu. Huwa qalilha illi minkejja il-fatt li kienu dahlu il-Qorti huwa kien dispost ma jibqax jinsisti ghall-imghax. Il-konvenut Silvio xehed illi dakinhar huwa kien talab lill-attrici sabiex minflok is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin jaghtuh biss is-somma ta' tmintax il-elf lira Maltin u il-kumplament jaghtuhomlu biss jekk jirrangaw l-affarijiet minn naha taghhom u hija offrietlu hmistax il-elf lira minflok tmintax il-elf lira. Huwa ma accettax peress illi kien diga irrinunzja ghall-imghax. Il-konvenut Silvio kompla jghid illi l-attrici kienet accettat illi zewgha jaghti is-somma ta' tmintax il-elf lira Maltin u hu iwaqqaf is-subbasta. Il-konvenut Silvio kompla jixhed illi sabiex iwwaqqaf is-subbasta huwa qalilhom illi dan kien jaghmlu bil-patt li imorru ghand avukat u jaghmlu ftehim.

Ikkunsidrat :

Illi meta rega xehed il-konvenut Victor Borg, huwa ammetta illi meta kien hemm in-nutar prezenti huwa kien xehed hazin meta qal illi kien jaf bid-dikjarazzjoni illi ghamlu il-konjugi Silvio quddiem in-Nutar fis-sens illi martu setghet taghmel kawza il-Qorti sabiex tannulla il-kuntratt. Huwa xehed illi effettivament huwa ma kienx jaf b'din id-dikjarazzjoni, izda peress illi kien hemm in-nutar prezenti fis-seduta precedenti kien xehed illi kien jaf biha.

Ikkunsidrat :

Illi Victor Borg ikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa kien jaf ghal x'hiex kien diehel meta iffirma il-kuntratt in kwistjoni u ikkonferma illi huwa mar sabiex jaghmel il-kuntratt minn jeddu u minghajr ma hadd kien gieghelu jew sfurzah sabiex jaghmel dan.

Ikkunsidrat :

Illi Victor Borg matul ix-xhieda tieghu biddel diversi drabi il-verzjoni tieghu, per ezempju meta xehed dwar id-dokument fejn in-Nutar kien wissa lill-partijiet l-ohrajn fuq il-kuntratt li l-mara ta’ Victor Borg setghet tattakka il-kuntratt in kwistjoni, Victor Borg l-ewwel xehed illi ma kienx jaf b’din il-karta.  Sussegwentement xehed illi kien jaf biha u meta gibditlu l-attenzjoni li fis-seduta precedenti kien xehed li ma kienx jaf b’dan id-dokument, Borg immedjatament xehed illi ma kienx jaf bid-dokument, meta ftit sekondi qabel kien xehed illi kien jaf dwaru.

Ikkunsidrat :

Illi Victor Borg biddel ukoll il-verzjoni tieghu fis-sens illi originarjament kien xehed illi kien issellef ghalih l-ammont ta’ erbat elef lira Maltin minghand Mario Silvio u sussegwentement xehed illi huwa qatt ma issellef xejn ghalih innifsu minghand Mario Silvio u l-ammont totali li kien issellef kien kollu ghall-barrani Omar.

Illi xehed in-Nutar Dr Marco Buttigieg u qal illi dakinhar meta kellu isir il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu kien spjega lill-partijiet illi kellhom jigu n-nisa rispettivi taghhom. Mario Silvio kien infurmah illi mart Victor Borg ma kienitx ser tkun prezenti u huwa informa lil Silvio illi dan kien ser ikun riskju tieghu ghaliex il-kuntratt ikun annullabbli skond il-Ligi ai terminu tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili. Madanakollu, gew l-ufficju tieghu is-Sinjuri Silvio u Victor Borg wahdu.  Peress illi Doris Borg ma kienitx prezenti, huwa talab lill-konjugi Silvio jiffirmaw dokument redatt minnu fejn il-konjugi Silvio iddikjaraw illi huwa kien fehemhom illi l-kuntratt setgha jigi annullat minn mart Victor Borg peress illi din ma kienitx dehret fuq il-kuntratt biex taghti l-kunsens taghha.  In-Nutar xehed illi mal-kuntratt tal-kostituzzjoni ta’ debitu saret ipoteka generali kif ukoll ipoteka specjali fuq blokk flats u huwa insista, peress illi Doris Borg ma kienitx prezenti, illi jitnizzel illi l-ipoteki kienu qeghdin isiru limitatament ghas-sehem personali ta’ Victor Borg u ma jolqtux bl-ebda mod

kwalunkwe sehem illi kellha l-attrici minn din il-proprjeta, u dan ukoll fir-rigward ta' l-ipoteka generali, u kien ghalhekk illi l-ipoteka generali giet kostitwita biss fuq il-beni ta' Victor Borg u l-ipoteka specjali fuq il-blokk ta' appartamenti f'Tas-Sliema saret biss fuq is-sehem ta' Victor Borg bl-eskluzjoni espressa ta' kwalunkwe sehem illi setgha ikollha martu minn dawn il-blokk ta' flats. In-Nutar xehed illi f'dan il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien validu, izda setgha jigi annullat mill-attrici ai terminu tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat :

Illi in kwantu ghall-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti konjugi Silvio, il-Qorti rat illi l-ewwel eccezzjoni taghhom ghandha tigi milqugha, peress illi jirrizulta effettivament illi fir-rikors promotur ma hemmx il-kliem stampat taht l-intestatura tal-Qorti a tenur ta' Artikolu 156.d tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huma proprju dawn il-kliem illi issemmi il-Ligi illi jiddistigwu bejn rikors normali u rikors guramentat. Fejn il-persuna tigi notifikat b'rikors guramentat u ma twegibx fi zmien moghti mill-Ligi is-sitwazzjoni tieghu tkun wahda irriversibbli.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi kemm l-ewwel, kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Silvio ghandhom jigu milqugha, madanakollu il-Qorti xorta wahda thoss illi ghandha tidhol fil-meritu ta' dan il-kaz. Il-Qorti ma tarax illi ghandha tigi milqugha it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Silvio stante illi t-talbiet fir-rikors promotur huma cari minkejja il-fatt illi huwa minnu illi ir-rikors promotur huwa twil izzejjed u jikkontjeni diversi ripetizzjonijiet u kliem anke zejda. Madanakollu l-azzjoni attrici hija cara.

Ikkunsidrat :

Illi mill-qari tal-premessi tar-rikors promotur huwa evidenti illi l-attrici mhijiex timpunja il-valida tas-subbasta minhabba xi difett procedurali, izda minhabba illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ma kienx iffirmat miz-zewg

konjugi peress illi l-attrici la dehret fuq dan il-kuntratt u wisq anqas iffirmatu.

Illi l-attrici inter alia talbet illi jekk il-bejgh bl-irkant illi kellu isir fis-26 ta’ Gunju 2007 effettivament isir il-Qorti tordna illi l-process kollu konness mal-bejgh tal-irkant ikun iddikjarat null u invalidu u mhux enforzabbli skond il-Ligi. L-attrici talbet ukoll illi l-atti tas-subbasta Nru 155/2006 fl-ismijiet Mario Silvio et vs Victor Borg huma fl-intier taghhom nulli u invalidi u mhux enforzabbli skond il-ligi. Konsegwentement il-Qorti giet mitluba tordna u tiddikjara id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta April 2007 bhala null u invalidu u mhux enforzabbli. Il-Qorti giet ukoll mitluba tiddikjara id-digriet ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Novembru 2006 bhala null u invalidu u l-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tiddikjara id-deskrizzjoni u r-Relazzjoni tal-Perit Arkitett David Pace mahluf fit-18 ta’ April, 2007 bhala null u invalidu. Il-Qorti giet mitluba illi izomm lill-konjugi Silvio responsabbli ghal kwalsiasi danni sofferti mill-attrici minhabba is-subbasta u il-Qorti giet miltuba ukoll sabiex izomm lill-konvenut Direttur tal-Qorti tal-Gustizzja ugwalment responsabbli ghad-danni kollha li sofriet u tista issofri l-attrici minhabba is-subbasta in kwistjoni. Il-Qorti giet mitluba tiddikjara lill-konvenut Victor Borg daqstant responsabbli ghad-danni kagunati lill-attrici u giet mitluba tiddikjara r-relazzjoni tal-Perit David Pace nulla u invalida kif giet ukoll mitluba tiddikjara nulla u invalida l-ittra gudizzjarja mibghuta mill-konvenut Mario Silvio lil Victor Borg datata 3 ta’ Ottubru 2006. Il-Qorti giet ukoll mitluba tiddikjara null u invalidu l-att pubbliku in atti tan-nutar pubbliku Dr Marco Buttigieg tas-26 ta’ Lulju 2005 u il-Qorti giet ukoll mitluba tiddikjara l-atti kollha riferiti fl-atti tas-subbasta numru 155/2006 nulli u invalidi. Il-Qorti giet mitluba tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici u sabiex tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci. Il-Qorti giet mitluba tahtar lill-periti esperti biex jezaminaw id-danni sofferti mill-attrici u finalment il-Qorti giet mitluba taghti kwalsiasi provvediment inkluz direttivi specifici lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ministeru tal-Gustizzja, lis-Segretarjat Parlamentari inkarigata mill-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, lill-Ufficju tal-Avukat Generali u dana sabiex l-

attrici ma tigi bl-ebda mod pregudikata u sabiex tigi ikkumpensata d-danni li sofriet u ghad issofri u sabiex jigi assigurat illi n-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-Gustizzja f'dipartimenti bhal dawk tas-subbasta ma jigu bl-ebda mod assoggettati bir-rieda ta' persuni li forsi l-intezjonijiet taghhom ma jkunux daqshekk retti kif hemm suspetti fondati li gara fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat :

Illi Qorti tibda biex tiddikjara illi fil-mori tal-kawza hija laqghet l-ewwel talba attrici limitatament sabiex din il-kawza tinstema fl-urgenza.

Il-Qorti rat illi ir-rikors promotur huwa irritu u null in kwantu ma jottemprax ruhu ma' l-artikolu 326(2) tal- Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta li sabiex issir talba ghat-twaqqif ta' l-irkant, jirrikjedi li d-debitur jew terza persuna, fi proceduri ghas-sospensjoni tas-subbasta, tiddeposita l-Qorti somma li fl-opinjoni tar-Registratur tkun bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li jsiru minhabba t-twaqqif – dan ma sarx.
Illi tezisti ukoll il-procedura a bazi ta l-artikolu 326(5) – fejn jista jintalab twaqqif permess ta' revoka contrario imperio - fejn il-partijiet ghandhom jinstemghu b'mod sommarju, u dan id-digriet sond l-istess artikolu ma jista jigi kkontestat f'ebda Qorti. Ir-rikorrenti ma ghamlitx din il-procedura.
Illi inoltre, "l-unika kaz ta' sospensjoni huwa dak imsemmi fl-artikolu 326 tal-istess Kap 12, li jitkellem dwar waqfien ta' irkant jew liberazzjoni, izda huwa ukoll dan jista' jsir biss bil-kunsens tal-kreditur. B'dana kollu jigi rilevat li s-socjeta' debitrici ghandha rimedji ohra permessi mill-ligi biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha li jistghu jirrizultaw bid- determinazzjoni tal-proceduri istitwiti minnha u dana b'mod li l-istess socjeta' kreditrici tkun ukoll protetta fid-drittijiet naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu maghmul bejn il-kontendenti."[1]
Illi ghalhekk il-procedura idonea ma gietx addotata mir-rikorrenti a fini ta' korrettezza.

[1] Rik Nru 192/01AM – Terranet Ltd vs Linknet Limited deciza it-Tnejn 5 ta' Marzu 2001

Illi l-artikolu 354 tal-Kapitolu 12 jiddisponi illi “Minkejja kull disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici il-bejgh bl-irkant tal-Qorti ghandu jitwettaq taht l-awtorita tal-Qorti Civili …. Indipendentement mill-Qorti li kienet tat is-sentenza li taghha tkun qed tintalab l-esekuzzjoni bl-artiklu 3 tal-istess Kapitolu 12.

Illi fl-ahharnett, l-artikolu 326(2) jirreferi ghal twaqqif ta’ subbasta, meta din isir minghajr kunsens tal-kreditur, liema talba ma tistax tigi milqugha kemm il-darba ma jsirx depostiu fil-Qorti ta’ somma li, fil-fehma tar-Registratur tkun sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjes risultanti mill-istess twaqqif.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konfliggenti. Illi kif wisq tajjeb osserva l-Imhallef Maurice Caruana Curran li kien qieghed jippresjedi fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia deciza fl-24 ta’ Novembru 1966: “mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-“in dubio pro reo”. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti.”

Ikkunsidrat :

Illi kuntratt ghandu l-forza ta’ ligi bejn il-partijiet. (Stanislao Cassar v. Chev. Antonio Cassar deciza mill- Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Dicembru 1995)

Din is-sitwazzjoni hija simili għal meta konvenut jeccepixxi nullita' ta' kuntratt u allura tqum il-kwistjoni jekk għandux huwa jiftaħ procedura biex jattakka dak il-kuntratt jew jistax jagħti eccezzjoni f'dak is-sens.

Dwar din it-tip ta' eccezzjoni, wieħed jista' liberament jgħid li hemm sentenzi tal-Qrati tagħna illi ma jaqblux ma' xulxin, anke forsi tenut kont ta' skond xi tkun l-eccezzjoni. Hemm diversi sentenzi illi jiddistingwu bejn nullita' u annullabilta' anke jekk il-ligi tagħna ma taghmilx din id-distinzjoni.

Illi l-artikolu 1226 tal-Kodici civili jipprovdi illi: L-eccezzjoni tan-nullita' tista' f'kull żmien tigi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt fil- każijiet li fihom hu inniffsu seta' jagixxi ghar-rexxissjoni."

Illi jezistu sentenzi illi jiddistingwu bejn nullita' u annullabbilta', u din id-distinzjoni jagħmluha l-awturi Taljani. Din id- distinzjoni għal ħafna żmien giet segwita mill-Qrati tagħna bħala gustifikażżjoni għar-regola li meta n-nullita' ma tkunx espressament dikjarata mill-ligi iżda tirriżulta biss wara eżami serju tal-kaz, allura tali kuntratt jista' jigi annullat biss mill-Qorti permezz ta' azzjoni. Kif innutat il- Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "George Borg nomine vs Ronald Camilleri" deciża fit-28 ta' Frar 1997, l-artikolu 1226 hu riprodott mill-artikolu 934 ta' l-Ordinanza numru VII tal-1868. Il-Qorti ta' l-Appell sa mill-1876 kellha okkażjoni tikkumenta illi: "Attessoche' l'idea predominante nell' articolo 934 … e certamente di elevare la regola di diritto comune ... "temporalia ad agendum sunt perpetua ad exceptionem" ... ad una espressa disposizione patria e non certamente quella di sanzionare che tutte le specie di nullita' si possono proporre in via di eccezione." Dan il-bran hu meħud mis-sentenza fl-ismijiet "Carmela Agius vs Dr Francesco Frendo" (15 ta' Marzu 1876).

Il-Qorti ta' l-Appell pero' fis-sentenza msemmija "Borg vs Camilleri" qalet ukoll: "Din il-gurisprudenza tabbraccja allura dik Taljana li tiddistingwi bejn nullita' u annullabbilta'

… u bejn nullita’ assoluta u nullita’ parzjali imma dan f’qasam fejn fil-verita d-disposizzjonijiet fil-kodici Civili Taljan ma jittaljawx għal kollox ma dawk nostrani. Is-sottomissjoni li l-ligi tagħna ma tagħmel ebda distinzjoni … tidher li hija sostanzjalment korretta fil-kuntest ta’ ammissibbilta’ ad hoc anke jekk kif fuq accennat il-ligi tipprovdi f’certi każi għan-nullita’ relattiva ta’ obbligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista’ tigi sollevata biss minn persuna li l-ligi trid espressament tipprotegi.

Illi jidher li l-legislatur għażel li jiddetermina liema każijiet kien permess li tingħata l-eccezzjoni ta’ nullita u dana lil’ hinn mill- konsiderazzjoni ta’ kuncetti pjuttost astratti. Eccezzjoni ta’ nullita’ li allura teskludi l-ħtiega ta’ azzjoni ta’ dikjarazzjoni ta’ nullita’, liema rimedju jibqa’ dejjem miftuħ lill-parti nteressata fejn ic-cirkostanzi hekk jiggustifikaw.[2]

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ma ressqitx provi fis-sens illi tezisti n-nullita’, izda ghamlet biss allegazzjonijiet.

“Illi li wiehed jattakka att pubbliku hi haga serjissima. Il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita` taghha.” (Seduta tad-9 ta’ Jannar, 2009, appell Civili Numru 594/1989/1).

Illi ghalhekk l-att notarili in kwistjoni huwa validu.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici setghet tipprocedi billi titlob lill-Qorti tiddikjara illi dan kien att ta amministrazzjoni straordinarja li sar bi ksur ta’ l-artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu imsemmi jghid hekk : - “1326. (1) Atti li jehtieg l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu

[2] Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009 Citazzjoni Numru. 1508/2000/1 John Bugeja -vs- Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja OFM CONV. bħala amministratur tal-beni tal-provincja tal- Frangiskani Minuri Konventwali

jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b'titolu gratuwitu."

Illi ghar-rigward tal-kredibbilita ta' l-attrici u tal-konvenut Victor Borg, il-Qorti tiddikjara bla ebda tlaqliq illi x-xiehda ta' dawn il-persuni hija ghal kollox inkonsistenti u mimlija b'tibdil fil-verzjonijiet u ghaldaqstant il-Qorti sejra tiskarta kemm ix-xiehda ta' l-attrici, kif ukoll ta' Victor Borg peress illi mhijiex kredibbli.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet John Grima vs Victor u Doris konjugi Borg, deciza fit-28 ta' Novembru 2008, fejn il-Qorti qalet illi meta l-allegata nullita` ta' skrittura hija ibbazata fuq il-fatt illi il-mara ma tkunx iffirmat id-dokument u la darba dik l-iskrittura ma saritx in konnessjoni max-xoghol tar-ragel il-firma tal-mara kienet mehtiega *ad validitatem*. Il-Qorti ta' l-Appell qalet illi meta jkun kaz ta' obbligazzjoni assunta minn parti wahda fi zwieg fejn topera l-komunjoni tal-akkwisti, dik l-obbligazzjoni ma tkunx nulla, izda biss annullabbli fuq istanza tal-mara, u dan fit-termini tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili. Sakemm il-mara ma tipprocedix biex thassar l-iskrittura li turi l-obbligazzjoni, l-istess titqies valida u enforzabbli. Il-Qorti qalet ukoll illi la darba l-iskrittura mhijiex nulla *ab initio*, u l-konvenuti, f'dak l-istadju, ma ssollevaw xejn dwar il-validita` taghha, ghamlet sew l-ewwel Qorti li baqghet tisma' l-kaz u qieset l-istess skrittura valida u enforzabbli.

Illi il-Qorti tirrileva illi din is-sentenza kienet tirrigwarda lil Victor u Doris konjugi Borg illi huma l-istess Doris Borg, attrici f'din il-kawza u Victor Borg, konvenut f'din il-kawza.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti Mario Silvio u martu Mary Helen Silvio, tichad it-

tielet eccezzjoni taghhom, izda tilqa ir-raba', il-hames, is-sitt, is-sebgha u t-tmien eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Silvio. Tilqa l-eccezzjonjiet tal-konvenut Direttur Qrati Civili u Tribunali, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Borg, tilqa in-nota tal-konvenut Nutar Dr Marco Buttigieg, tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut Perit David Pace, u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li diga laqghet l-ewwel talba attrici ghal dak li jirrigwarda smiegh tal-kawza bl-urgenza, tichad it-talbiet kollha sussegwenti tal-attrici, bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------